MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Numru. 380/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**George Refalo bin Geraldo u Carmela nee' Sultana, imwieled nhar l-erbgha ta' Mejju, 1946 u residenti Bee Hive, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 40746(G)**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputati **GEORGE REFALO** bin Geraldo u Carmela nee' Sultana, imwieled nhar l-ergha ta' Mejju, 1946 u residenti Bee Hive, Triq Marsalforn, Xaghra,

Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita 40746(G) u **OMISSIS** gew mressqa quddiemha, akkuzati talli nhar is-sbatax ta' Mejju 2004 ghall-habta tas-saghtejn u tnejn u tletin minuta ta' fil-ghodu l-imputat George Refalo bhala l-persuna licenzjata tal-hanut tax-xorb 'The Valley' li jinsab fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex u **OMISSIS**

1. daqqew jew hallew fil-lokal imsemmi, min idoqq strument muzikali jew id-daqq ta' xi muzika registrata b'xi mod li jkun, jew l-amplifikazzjoni ta' dik il-muzika b'xi mezz elettroniku, elettriku jew iehor minghajr il-permess tal-Awtorita' Kompetenti;
2. talli kisru l-kundizzjonijiet moghtija lilhom fil-licenzja mid-Dipartiment tal-Kummerc sabiex joperaw bejn is-siegha ta' fil-ghodu u l-erbgha ta' fil-ghodu;

Semghet lill-Prosekuzzjoni titlob is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat prezenti u dana fis-seduta tas-sittax (16) ta' Frar 2006;

Semghet il-provi tal-Prosekuzzjoni u cioe' Rapprezentant tal-MTA Dr. Joseph Grech, PS 567, Mark Rapa Rapprezentant tat-Trade Department u lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jidher illi fil-jum tas-sbatax (17) ta' Mejju 2004 Omar Mizzi kien substitute fil-fond 'The Valley' u ghalhekk l-imputat m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-agir tieghu;

Wara li rat l-artiklu tal-ligi u cioe' Artiklu 41 tal-Kap 10 u 338(gg) tal-Kap 9 tiddikjara li ma ssibx lill-imputat George Refalo hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------